**SENTENZA TAL-QORTI**

**tat-30 ta' Marzu 2010**

**fil-Kawża E-6/09**

**Magasin- og Ukepresseforeningen v l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**

*(Azzjoni għan-nuqqas ta' azzjoni — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna Eżistenti — Ammissibbiltà)*

(2010/C 305/10)

Fil-Kawża E-6/09, Magasin- og Ukepresseforeningen v l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA – L-APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA naqset milli taġġixxi dwar ilment imressaq lill-Awtorità f'Awwissu 2006 rigward l-għajnuna mill-Istat lill-gazzetti, il-Qorti, komposta minn Carl Baudenbacher, il-President u Mħallef Relatur, Thorgeir Örlygsson u Henrik Bull, Imħallfin, taw is-sentenza fit-30 ta' Marzu 2010, li l-parti operattiva tagħha hi kif ġej:

B'hekk il-Qorti:

(1) Tiċħad l-applikazzjoni bħala inammissibbli.

(2) Tordna lill-Applikant iħallas l-ispejjeż li ġarrab l-Akkużat.